Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 14/2018

**It-Tlieta 30 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:30 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Mark Causon – Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier
Désirée Vella Brincat - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Romina Perici Ferrante – Accountant tal-Kunsill

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 14.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji.

14.1.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda ittri ta’ apoloġija u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 12/2018.

14.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 12/K7/2018 kif ippreżentati.

14.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 13/2018.

14.3.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 13/K7/2018 kif ippreżentati.

14.3.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.3.4 Is-Sindku Dean Hili talab sospenzjoni tal-aġenda biex item 7 jiġi diskuss qabel item 4.

14.3.5 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.3.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.7 Rapport Finanzjarju perjodu Jannar – Settembru 2018.

14.7.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta ir-rapport finanzjarju għall-perjodu Jannar – Settembru 2018. **(Dok. 1)** Il-kelliem stieden lill-Accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport lill-membri tal-Kunsill.

14.7.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw ir-rapport, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat.

14.7.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.7.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.7.5 Is-Sindku Dean Hili talab lill-Accountant biex tirtira, u għalhekk ħalliet il-kamra.

## 14.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/2477/18/I** Kwotazzjoni mingħand Gutenberg għal printing ta' 1,000 locality map għall-prezz ta' €360.00.

14.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2477/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jsib persuna/entita' li tkun lesta li terġa' tibni l-artwork biex isir pjanta artistika simili għal dik li kien għamel il-Kunsill fil-passat, ladarba l-persuna li kien għamilha qatt ma għadda lill-Kunsill il-pjanta fil-format diġitali li tkun tista' tiġi emendata.

14.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2486/18/I** Kwotazzjoni mingħand Aiken għal kiri ta' billboard vis-a-vis l-attivita' għall-Halloween, għall-prezz ta' €1,203.60 inkluż il-VAT, printing u twaħħil.

**46/2575/18/I** Kwotazzjoni mingħand MAD Promotions għal kiri ta' billboard vis-a-vis l-attivita' għall-Halloween, għall-prezz ta' €318.60 inkluż il-VAT, printing u twaħħil. Il-kumpanija qed toffri l-kiri tal-ispazju mingħajr ħlas.

14.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2486/18/I u 46/2575/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni li tintgħażel l-offerta ta' MAD Promotions.

14.4.5 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2493/18/I** Kwotazzjoni għall-vettura Renault Kangoo ta' l-elettriku għall-użu tal-Kunsill li jibdew minn €24,400.

**46/2655/18/I** Email mingħand il-PA fejn b'referenza għat-talbiet tal-Kunsill għad-development planning funds infurmaw lill-Kunsill li t-talbiet għall-upgrading tar-roundabout, għal xiri ta' vettura u għall-upgrading tal-passaġġ ta' bejn il-Park and Ride u Triq Sant'Andrija huma meqjusa li jikkwalikaw għall-użu tal-fondi.

14.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2493/18/I u 46/2655/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għalissa għandu jistenna dwar ix-xiri tal-van u dwar il-proġetti l-oħra l-Kunsill għandu japplika għall-fondi disponibbli li hemm.

14.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2494/18/I** Email mingħand Skola St. Catherine's fejn talbu s-servizz ta' tlett gwardjani lokali waqt id-dħul u ħruġ mill-iskola.

14.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2494/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jibgħat din it-talba lill-LESA.

14.4.11 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2530/18/I** Email mingħand Dr. Joseph Sammut fejn informa lill-Kunsill li ser ikun qed jikkontesta l-Elezzjoni għall-Parlament Ewropew f'Mejju 2019 u talab laqgħa mal-Kunsill.

14.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2530/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

14.4.14 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2542/18/I** Kwotazzjoni mingħand diversi kumpaniji għall-provvista ta' ħelu għall-Halloween.

14.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2542/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta dik provduta mingħand Rokky.

14.4.17 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2565/18/I** Email mingħand Agnes Muscat fejn bagħtet ritratti ta' upgrading li hemm bżonn isir fl-akwata u ilment dwar il-kennies fi Triq il-Battalja ta' Malta.

14.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2565/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur tal-Kunsill, u jekk hemm soluzzjoni, dan jipprovdi stima lill-Kunsill tax-xogħol li hemm bżonn.

14.4.20 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2572/18/I** Email mingħand is-Sindku Dr. Dean Hili fejn bagħat kopja tal-email li rċieva dwar l-appell li ser isir fuq il-proġett ta' DB fejn it-tlett Kunsilli nvoluta qed ikun mistenni minnhom li jikkontribwixxu l-ammont ta' €1,000 kull Kunsill biex ikun jista' isir l-appell.

**46/2694/18/I** Email mingħand Din l-Art Ħelwa fejn informaw lill-Kunsill li l-kontribuzzjoni tal-Kunsill għall-appell tal-ITS għandu jintbagħat b'ċekk lil Din l-Art Ħelwa.

14.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2572/18/I u 46/2694/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaqbel ma' din it-talba.

14.4.23 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2573/18/I** Email mingħand Ms. Rosemarie Sacco fejn talbet il-kumpens ta' €175 għall-ħsara li sofriet fit-tyre tal-karozza waqt li kienet għaddejja minn Triq Martin Luther King.

14.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2573/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill iħallas biss 20% tal-ispiża u dan fid-dawl li normalment

lifespan ta' tyre hija ta' 5 snin u s-sinjura Sacco fit-talba tagħha indikat l'ilha tagħmel użu minn dan it-tyre għal 4 snin.

14.4.26 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

14.4.27 Il-mozzjoni għaddiet għall-vot fejn is-Sindku Dean Hili, il-Viċi Sindku Raymond Lanzon, il-Kunsillier Charles Cesare u l-Kunsillier Désirée Vella Brincat ivvutaw favur, filwaqt li l-Kunsillier Mark Causon ivvota kontra.

14.4.28 Il-mozzjoni għaddiet.

14.4.29 Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li huwa ma jaqbilx mal-policy u l-obbligu tal-Kunsill li l-Kunsill jirrifondi lil min ikun ġarrab xi ħsarat simili.

**46/2585/18/I** Risposti mingħand ir-residenti ta' Blokk 6 u Blokk 7 dwar is-sistema ta' one way fi Triq Patri Serafin Zarb u parti minn Triq Dun Gużepp Farrugia.

14.4.30 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2585/18/O** fejn informa lill-Kunsill li minn Blokk 7 Triq Patri Serafin Zarb fejn jgħixu 12-il familja, kien hemm 9 l'irrispondew fejn 8 kienu favur u 1 kontra filwaqt li minn Blokk 6 Triq Dun Ġużepp Farrugia fejn jgħixu 4 familji, kien hemm 3 l'irrispondew u kollha kienu favur. Fid-dawl ta' dan ippropona li l-Kunsill għandu jagħmel talba formali lil TM biex it-toroq indikata jsiru One way.

14.4.31 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.4.32 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2591/18/I** Email mingħand Ives Bilocca fejn talbet sabiex isir xi ħaġa sabiex ma jżommx ilma tax-xita fuq iz-zebra crossing ta' Triq Alamein quddiem l-iskola ta' STC.

14.4.33 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2591/18/I** fejn ippropona li minħabba l-livell tat-triq u l-bini li hemm, ma jidher li hemm ebda soluzzjoni, apparti l-fatt li huwa prattikament impossibbli li ma jkunx hemm ilma fit-triq meta tagħmel ix-xita.

14.4.34 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.4.35 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2600/18/O** Email li l-Kunsill bagħat lill-Għassa San Giljan fejn staqsa jekk il-pulizija jsibux oggezzjoni li jsir parkeġġ riservat għall-persuni bi bżonnijiet speċjali fi Triq Madre Margherita de Brincat.

14.4.36 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/26002/18/O** fejn ippropona li l-Kunsill ikun jista' jieħu deċiżjoni ladarba l-Pulizija tagħti indikazzjoni dwar jekk il-ġenituri affettwata humiex ser jingħataw aċċess liberu, għax altrimenti mhux lok li jsiru reserved parking bays. Il-kelliem żied li fil-fatt fil-jiem li ġejja ser issir laqgħa mal-Pulizija dwar dan u għalhekk deċiżjoni tittieħed skond l-eżitu tal-istess laqgħa.

14.4.37 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.4.38 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2615/18/I** Email mingħand l-Għassa ta' San Giljan fejn b'referenza għall-permessi speċjali li ħareġ il-Kunsill fejn l-iskola Primarja, informa lill-Kunsill li hija anomalija u talab ukoll sabiex isiru bħal bollards sabiex tingħalaq it-triq.

14.4.39 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2615/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiddiskuti dan is-suġġett fil-laqgħa li ser issir mal-Pulizija.

14.4.40 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.4.41 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2625/18/I** Email mingħand St. Michael School fejn talbu sabiex jinbidlu l-istickers ta' tabelli li hemm fil-parkeġġ iż-żgħir sabiex ma jipparkjawx bis-silencer n-naħa tal-iskola.

14.4.42 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2625/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jordna tabelli ġodda biex jinbidlu.

14.4.43 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.44 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2651/18/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Ray Lanzon fejn informa lill-Kunsill li reġgħu kellmuh mill-bank BOV dwar it-tħawwil ta' 10 siġriet f'Pembroke.

14.4.45 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2651/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill iħawwel dawn is-siġar fil-passaġġ li hemm biswit il-Judo Federation u l-kumplament fis-sit ta' bejn il-Pembroke P&R u Triq Sant' Andrija, wara li jinqalgħu siġar li kienu ġew relokata fuq il-post l'iżda qatt ma qabdu, liema xogħol għandu jsir mill-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors.

14.4.46 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda u żied li l-isponsor tal-bank ser ikun ta' €100 u għalhekk il-kuntrattur Charlie Mifsud għandu jingħata struzzjonijiet biex jinxtraw siġar sal-ammont tal-isponsor.

14.4.47 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2652/18/I** Email mingħand GO TO fejn b'referenza għall-parking spots dwar il-proġett tal-car sharing bagħtu site plan ta' fejn qed jipproponu li jsiru.

**46/2681/18/O** Email lill-GO TO fejn b'referenza għall-parking spots għall-proġett tal-car sharing, il-Kunsill bagħat lista tal-parkeġġi li ġew maqbula fil-laqgħa.

14.4.48 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2652/18/I u 46/2681/18/O** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-parkeġġi jkunu (1) P.175.00 fi Triq Arnhem biswit il-Banka tal-Lottu, (2) P.176.00 fi Triq Jum Pembroke jew Triq Dun Guzepp Farrugia, (3) P.177.00 fi Triq Patri Indri Vella biswit il-letter box, (4) P.179.01 faċċata tal-Knisja f'Misraħ il-Paċi, (5) P.180.01 fuq il-lemin tad-daħla tal-Pembroke Park and Ride minnaħa ta' Triq Tobruk, u (6) fi Triq il-Profs Walter Ganado biswit il-kiosk.

14.4.49 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.50 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2690/18/I** Email mingħand Nature Trust fejn bagħtu kwotazzjoni għal barriers għall-prezz ta' €1,770.

**46/2772/18/O** Kommunikazzjoni bejn Nature Trust, MTA u l-Kunsill dwar il-possibilità li jitpoġġew aktar boulders biex jingħalaq kull aċċess fuq is-sit Natura2000.

14.4.51 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2690/18/I u 46/2722/18/O** fejn ippropona li l-Kunsill japprova li jissupplixxi l-materjal li hemm bżonn kif ukoll li jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill biex jitpoġġew ġebel kbir li hemm fl-akwata ħalli jingħalaq kull aċċess li hemm.

14.4.52 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.53 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2718/18/I** Kwotazzjoni mingħand l-Ing. Karl Mizzi għal servizz ta' BOQ u speċifikazzjonijiet għall-pompi u drip irrigation għall-funtana ta' quddiem il-Kunsill.

14.4.54 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2718/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din il-kwotazzjoni.

14.4.55 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.56 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2753/18/I** Kwotazzjoni mingħand Red Cross Malta għal servizz t'ambulanza waqt l-attività Halloween għat-Tfal.

14.4.57 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2753/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-istima.

14.4.58 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.4.59 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2809/18/I** Email mingħand is-sur John Marks jissuġġerixxi lill-Kunsill li jinstab post fil-lokal fejn tkun tista' tittella' wirja statika (fil-format ta' mużew) dwar l-istorja tal-lokal fi żmien l-Ingliżi.

14.4.60 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2809/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiltaqa' mas-sur Marks dwar il-possibilità li s-sit ta' Pembroke Battery jinbidel f'mużew dwar l-istorja tal-lokal fejn il-Kunsill jipprovdi l-post u l-għaqda tiegħu jipprovdu l-materjal.

14.4.61 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.4.62 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2837/18/I** Email mingħand D Street Lighting b'disinn ġdid għat-tiżjin tat-toroq fi żmien il-festi tal-Milied.

14.4.63 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2837/18/I** fejn ippropona li l-Kunsill jaċċetta li jintuża d-disinn propost.

14.4.64 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

14.4.65 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

14.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 14.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

14.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 38/2018** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 13/K7/18 u 14/K7/18 **(Dok. 2)**
- **Internal Memo 39/2018** - Lista ta' ilmenti li rċieva l-Kunsill bejn laqgħa referenza 13/K7/18 u 14/K7/18 **(Dok. 3)**
- **Internal Memo 40/2018** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 13/K7/18 u 14/K7/18 **(Dok. 4)**

14.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 39/2018** dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill, fejn ippropona li:

| Referenza | | Ilment | Azzjoni |
|---|---|---|---|
| 28 | 2018 | Suġġeriment biex isiru sleeping policeman l-erba' naħat ta' Blokk 7 Triq Patri Serafin Zarb. | L-ewwel issir il-One Way kif propost aktar qabel fil-laqgħa u wara l-Kunsill jerġa' jevalwa s-sitwazzjoni speċjalment minħabba garaxxijiet u storbju li jistgħu jikkawżaw. |
| 29 | 2018 | Talba biex issir sleeping policeman fi triq li minn Triq Tunis titla' għal Triq Juno. | Il-Kunsill jaqbel mat-talba. |
| 30 | 2018 | Talab sabiex issir tabella quddiem blokki B1 Triq Pietru D'Armenia biex ħadd ma jarmi skart barra fejn kien hemm l-iskip u jsiru bins tal-klieb. | Il-Kunsill ma jarax dan il-bżonn. |
| 31 | 2018 | Talbet tigi rrangata l-bankina fejn il-parkegg ta' l-iskola St. Michael minħabba li tiżloq u talbet li jsir ħadid bħal Ubars quddiem l-entratura tal-iskola St. Michael bħala sigurta' għat-tfal. | Dwar barriers il-Kunsill għandu jieħu parir mingħand l-Awtorita' tas-Saħħa u Sigurta' dwar jekk huwiex kompitu tal-Kunsill iżda dwar l-istat tal-bankina jekk hemm |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | periklu din għandha tiġi rranġata. |
| 32 | 2018 | Talba biex tiġi rranġata ħofra bil-konkos li hemm taħt il-bankina fi Triq Antonie de Favray. | Jekk hemm bżonn tiġi rranġata. |

14.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.6.5 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 40/2018** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

14.6.6 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.6.7 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.6.8 Is-Sindku Dean Hili ppropona li bħas-snin li għaddew, għal żmien il-Milied il-Kunsill għandu jorganizza attività għall-anzjani nhar id-19/12/18, l-attivita' tal-father christmas li jwassal ir-rigali lit-tfal nhar l-20/12/18 fejn għal kull rigal ser tintalab donazzjoni ta' €2.00 b'risq il-MCCF, u riċeviment għall-membri tal-Kunsill u staff.

14.6.9 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.6.10 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.6.11 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-laqgħa tal-lokalita' għas-sena 2018 għandha issir nhar it-Tlieta 4 ta' Diċembru 2018 fis-6:00pm fis-sala tal-Kunsill.

14.6.12 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.6.13 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.6.14 Is-Sindku Dean Hili ppropona l'issir manutenzjoni tal-ħitan tas-sejjiegħ fil-picnic area ta' Triq Anzio, mill-kuntrattur tal-Kunsill.

14.6.15 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

14.6.16 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.8 Tiġdid kuntratt servizz ta' librara.

14.8.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-kuntratt tal-librara Maria Micallef fejn ippropona li dan għandu jiġġedded għall-perjodu ta' sena oħra.

14.8.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.9 Proposti mir-Reġjun Tramuntana (bring in sites, Victoria lines, International Folk Festival).

14.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona li ladarba hemm proposta fil-White Paper li jkun hemm tibdil fil-kompożizzjoni tar-Reġjun, fejn Pembroke huwa ndikat li ma jibqax jagħmel parti mar-Reġjun Tramuntana, f'dan l-istadju mhux lok li l-Kunsill jiddiskuti dawn il-proposti.

14.9.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.10 Kwotazzjonijiet relatata max-xogħol tal-funtana.

14.10.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2829/18/I** dwar l-ispeċifikazzjonijiet proposta mill-Ing. Karl Mizzi fejn ippropona li l-Kunsill għandu jiġbor stimi 11/2018 – għall-provvista u l-installazzjoni ta' water fountain u 12/2018 – għall-provvista u l-installazzjoni ta' irrigation. Il-kelliem ippropona wkoll li l-Kunsill għandu jagħżel l-irħas offerta fil-parametri tal-liġi u għandu jmexxi wara li jkun sar komunikat mal-membri tal-Kunsill u jkun intalab ukoll il-parir tal-Ing. Mizzi.

14.10.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

14.10.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.11 GDPR Retention Policy.

**46/2464/18/I** Email mingħand l-AKL fejn bagħtu kopja ta' LCA Retention Policy.

14.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza 46/2464/18/I fejn ippropona li l-Kunsill għandu ukoll jadotta din il-policy wara li tiġi emendata għall-ħtiġijiet u l-esiġenzi tal-Kunsill.

14.11.2 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.12 White Paper dwar ir-Riforma tal-Gvern Lokali.

14.12.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2717/18/I u 46/2727/18/O,** fejn stieden lill-membri biex jevalwaw dak li qed jiġi propost.

## 14.13 PA 977/17 – Waste Management and Construction Plan.

14.13.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/2726/18/O** fejn irrefera wkoll għall-laqgħa li s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg kellu mal-Perit Mario Balzan tal-WSC u s-sur Bonnici f'isem il-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol. Il-kelliem irrimarka li sallum il-WSC għad ma provdiet ebda konferma dwar il-punti li qajjem il-Kunsill speċifikament dwar xaft numru 10 u għalhekk ippropona li jekk sa nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru ma jkun hemm ebda tibdil pożittiv jew il-Kunsill ikun għadu mingħajr tweġiba, il-Kunsill għandu jinforma lic-Chairman tal-PA dwar dan inkluż l-oġġezzjonijiet għall-Construction Plan. Dan fid-dawl li waqt li l-permess kien qed jiġi diskuss quddiem il-Bord tal-PA, ir-rappreżentant tal-Kunsill li kien is-Segretarju

Eżekuttiv Kevin Borg, kien ġibed l-attenzjoni tal-Bord li tali xaft kien qed jiġi propost fuq sit Natura2000, liema stanza ġiet miċħuda mill-ERA, l'iżda issa jirriżulta minn dokumenti tal-ERA stess, li tali xaft jinsab fl-inter tiegħu fuq is-sit Natura2000. **(Dok. 5)**

14.13.2 Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat issekondat.

14.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

14.13.4 Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li huwa ma jaqbilx li fuq il-post jinżamm Construction Waste minħabba li ma jafdax la li l-kuntrattur ser iżżomm mal-kundizzjonijiet imposta fil-permess u lanqas lill-ERA li suppost tieħu passi.

## 14.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

14.14.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 6, 7, 8 u 9)**

14.14.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

14.14.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.14.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.15 Mozzjonijiet.

14.15.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 14.16 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

14.16.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.15pm u ġiet aġġornata għas-27 ta' Novembru 2018 fil-5:30pm.

Konfermati, llum 27 ta' Novembru, 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Avv. Dean Hili | Kevin Borg |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

Dok 1

# Pembroke
# Local Council

## Quarterly Financial Report

## for the Period

### 1st January till End of September 2018 (Quarter 3)

# Table of Contents


| | |
|---|---|
| Overview and Summary | *Page 3* |
| Statement of Income and Expenditure | *Page 4* |
| Statement of Financial Position | *Page 5* |
| Cash flow Statement | *Page 6* |
| Detailed Income | *Page 7* |
| Detailed Expenditure | *Page 8* |
| Detailed Statment of Financial Position | *Page 10* |
| Depreciation of Property, Plant and Equipment | *Page 11* |

### *Overview and Summary*

The normal recurrent expenditure related to the services the Council is obliged to render in line with Section 33 of the Local Councils Act, on a number of initiatives were carried out.
All expenditure is within the Budget Estimates for said period.

30/10/18

Dr. Dean Hili
**Mayor**

Kevin Borg
Executive Secretary

## Statement of Income and Expenditure

## 1st January till End of September 2018 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2018 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2018 € |
|---|---|---|---|---|
| **Income** | | | | |
| Funds received from Central Government (1) | 332,255 | 434,463 | - | 434,463 |
| Income raised from Bye-Laws (2) | 3,178 | 3,060 | - | 3,060 |
| Income raised from LES (3) | 3,157 | 4,233 | - | 4,233 |
| Investment Income (4) | 98 | 144 | - | 144 |
| Other Income (5) | 1,844 | 100 | - | 100 |
| **TOTAL** | **340,533** | **442,000** | **-** | **442,000** |
| **Expenditure** | | | | |
| Personal Emoluments (6) | 69,263 | 95,346 | - | 95,346 |
| Operations and Maintenance (7) | 157,976 | 284,099 | - | 284,099 |
| Administration (8) | 23,292 | 28,825 | - | 28,825 |
| Finance Cost (9) | - | - | - | - |
| Other Expenditure (10) | 190,189 | 33,731 | - | 33,731 |
| TOTAL | **440,720** | **442,000** | **-** | **442,000** |
| **Surplus / Deficit** | (100,187) | (0) | - | (0) |

# Statement of Financial Position as at end of September 2018 (Quarter 3)

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2018 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2018 € |
|---|---|---|---|---|
| **Non-current Assets** | | | | |
| Property, Plant and Equipment (17) | 119,615 | 343,939 | | 343,939 |
| **Current Assets** | | | | |
| Inventories (11) | 1,650 | 1,700 | - | 1,700 |
| Receivables (12) | 3,268 | 5,000 | - | 5,000 |
| Cash and Cash Equivalents (13) | 534,395 | 433,731 | - | 433,731 |
| **Total Current Assets** | **539,313** | **440,431** | - | **440,431** |
| **Current Liabilities** | | | | |
| Payables (14) | 47,951 | 72,876 | - | 72,876 |
| **Total Current Liabilities** | **47,951** | **72,876** | - | **72,876** |
| **Net Current Assets** | 491,362 | 367,555 | - | 367,555 |
| **Non-current liabilities (15)** | - | - | - | - |
| **Net Assets** | **610,976** | **711,494** | - | **711,494** |
| **Reserves** | | | | |
| Retained Funds | **610,976** | **711,494** | - | **711,494** |

## Financial Situation Indicator

| DESCRIPTION | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| Current Assets | | 539,313 | 440,431 | - | 440,431 |
| Current Liabilities | | 47,951 | 72,876 | - | 72,876 |
| | **Working Capital** | 491,362 | 367,555 | - | 367,555 |
| Government Allocation | | 433,663 | 433,663 | - | 433,663 |
| | **FSI** | **113 %** | **85 %** | | **85 %** |

## Cash flow Statement

| DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2018 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2018 € |
|---|---|---|---|---|
| **Cash flow from operating activities** | | | | |
| Surplus for the year | (100,187) | (0) | - | (0) |
| Adjustments for: | | | | |
| Depreciation | 190,189 | 33,731 | - | 33,731 |
| Increase / (Decrease) in Allowance for Bad Debts | | | | - |
| Interest receivable | (98) | | | - |
| Interest payable | | | | - |
| (Profit) / Loss on disposal of asset | | | | - |
| Transfer of Grants to Profit & Loss | | | | - |
| Increase / (Decrease) in payables | 13,911 | | | - |
| Increase / (Decrease) in accruals | 1,472 | | | - |
| Decrease / (Increase) in receivables | 2,834 | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Decrease / (Increase) in inventories | | | | - |
| Cash generated from operations | **108,121** | **33,731** | - | **33,731** |
| Interest paid | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from operating activities* | **108,121** | **33,731** | - | **33,731** |
| **Cash flows from investing activities** | | | | |
| Purchase of property, plant & equipment | (64,544) | | | - |
| Proceeds from sale of property, plant & equipment | | | | - |
| Grants received | 71,342 | | | - |
| Interest received | 98 | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash used in investing activities* | **6,896** | - | - | - |
| **Cash flows from financing activities** | | | | |
| Proceeds from long-term borrowings | | | | - |
| Interest Paid | | | | - |
| Bank Loan Repayments | | | | - |
| | | | | - |
| *Net cash from financing activities* | - | - | - | - |
| **Net increase/(decrease) in cash & cash equivalents** | **115,017** | **33,731** | - | **33,731** |
| Cash & cash equivalents at beginning of year | 419,378 | 419,378 | | 419,378 |
| **Cash & cash equivalents at end of Quarter** | **534,395** | **453,109** | - | **453,109** |

## Detailed Income

| | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2018 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| | **Income** | | | | |
| 1 | **Funds received from Cental Government:** | | | | |
| 0001 | In terms of section 55 CAP 363 | 325,247 | 433,663 | | 433,663 |
| 0002-0004 | In terms of section 58 CAP 363 | 2,348 | - | | - |
| 0005-0019 | Other income | 4,660 | 800 | | 800 |
| | | **332,255** | **434,463** | **-** | **434,463** |
| 2 | **Income raised from Bye-Laws** | | | | |
| 0021-0025 | Community Services | | - | | - |
| 0026-0035 | Income from Permits | 3,178 | 3,060 | | 3,060 |
| | | **3,178** | **3,060** | **-** | **3,060** |
| 3 | **Local Enforcement Income** | | | | |
| 0037 | Commission from Regional Committees | 2,868 | 4,233 | | 4,233 |
| 0038-0055 | Contraventions | 289 | - | | - |
| | | **3,157** | **4,233** | **-** | **4,233** |
| 4 | **Investment Income** | | | | |
| 0091-0095 | Bank interest | 98 | 144 | | 144 |
| 0096-0099 | Income received from Govermnet Securities | | - | | - |
| | | **98** | **144** | **-** | **144** |
| 5 | | | | | |
| 0056-0065 | Sponsorships | | - | | - |
| 0066-0069 | Documents & Information | | - | | - |
| 0070-0075 | EU funds | | - | | - |
| 0076-0080 | Twinning | | - | | - |
| 0081-0089 | Insurance Claims | | - | | - |
| 0100-0109 | Donations | 100 | 100 | | 100 |
| 0110-0119 | Contributions | 802 | - | | - |
| 0120-0129 | General Income | 943 | - | | - |
| | | **1,844** | **100** | **-** | **100** |
| | **Total** | **340,533** | **442,000** | **-** | **442,000** |

## Detailed Expenditure

| DESCRIPTION | | | Actual for the Period | Annual Budget 2018 | Virements for the Period | Revised Annual Budget 2018 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € |
| 6 i) | | **Personal Emoluments** | | | | |
| | 1100 | Mayor's Allowance | 5,605 | 7,464 | | 7,464 |
| | 1200 | Employees' Salaries & Wages | 47,480 | 65,480 | | 65,480 |
| | 1300 | Bonuses | 4,782 | 6,531 | | 6,531 |
| | 1400 | Income Supplements | 285 | 380 | | 380 |
| | 1500 | Social Security Contributions | 4,690 | 6,176 | | 6,176 |
| | 1600 | Allowances | 4,698 | 6,400 | | 6,400 |
| | 1700 | Overtime | 1,722 | 2,915 | | 2,915 |
| | | | **69,263** | **95,346** | **-** | **95,346** |

| DESCRIPTION | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | € | € | € | € |
| 7 | | **Operations and Maintenance** | | | | |
| | 2100-2149 | Public Utilities | 2,594 | 6,450 | | 6,450 |
| | 2200-2259 | Public Materials & Supplies | 245 | 400 | | 400 |
| | 2300-2399 | Repairs & upkeep | 18,625 | 86,219 | | 86,219 |
| | 2400-2449 | Rent | 1,092 | 1,456 | | 1,456 |
| | 3010 | Street Lightning | 4,652 | 8,000 | | 8,000 |
| | 3020 | Lease of Equipment | | - | | - |
| | 3030 | Insurance | 1,524 | 2,046 | | 2,046 |
| | 3035 | Bank Charges | 163 | 250 | | 250 |
| | 3038 | Penalties | | - | | - |
| | 3041 | Refuse Collection | 25,346 | 36,362 | | 36,362 |
| | 3042 | Bulky Refuse Collection | 9,552 | 13,200 | | 13,200 |
| | 3043 | Bins on wheels | | - | | - |
| | 3045 | Bring in sites | | 200 | | 200 |
| | 3051 | Road & Street Cleaning | 14,677 | 19,429 | | 19,429 |
| | 3052 | Cleaning & Maintenance of Non-Urban Areas | 13,102 | 18,262 | | 18,262 |
| | 3053 | Cleaning of Public Conveniences | 4,085 | 6,285 | | 6,285 |
| | 3055 | Cleaning of Council Premises | 1,578 | 2,400 | | 2,400 |
| | 3040 | Waste Disposal | 24,056 | 26,400 | | 26,400 |
| | 3060 | Cleaning & Maintenance of Parks & Gardens | 12,791 | 17,055 | | 17,055 |
| | 3061 | Cleaning & Maintenance of Soft Areas | 13,741 | 18,262 | | 18,262 |
| | 3062 | Cleaning & Maintenance of Beaches & CA | | - | | - |
| | 3063 | Cleaning & Maintenance of Country Non-Urban | | - | | - |
| | 6064 | Other Contractual Services | 5,462 | 8,978 | | 8,978 |
| | 3070-3090 | Consultation Fees | | 2,000 | | 2,000 |
| | 3100-3139 | Contract & Project Management | | - | | - |
| | 3300-3379 | Hospitality | 4,582 | 10,345 | | 10,345 |
| | 3380-3389 | Community | 50 | 100 | | 100 |
| | 3390-3394 | Donations | | | | - |
| | 3600-3694 | Local Enforcement Expenses | 58 | | | - |
| | 3700-3799 | EU Projects | | | | - |
| | 3800-3899 | Twinning | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **157,976** | **284,099** | **-** | **284,099** |
| 8 | | **Administration** | | | | |
| | 2150-2199 | Office Utilities | 849 | | | - |
| | 2260-2299 | Office Materials & Supplies | 570 | | | - |
| | 2450-2499 | Office Rent | | | | - |
| | 2500-2599 | National & International Memberships | 422 | 1,400 | | 1,400 |
| | 2600-2699 | Office Services | 1,867 | 3,295 | | 3,295 |
| | 2700-2799 | Transport | 770 | 1,000 | | 1,000 |
| | 2800-2899 | Travel | | - | | - |
| | 2900-2999 | Information Services | 1,481 | 3,590 | | 3,590 |
| | 3050 | Office Cleaning | | - | | - |
| | 3410-3199 | Professional Services | 16,668 | 17,816 | | 17,816 |
| | 3200-3299 | Training | | 500 | | 500 |
| | 3345 | Office Hospitality | 664 | 1,000 | | 1,000 |
| | 3400-3499 | Incidental Expenses | | 224 | | 224 |
| | | | | | | - |
| | | | **23,292** | **28,825** | **-** | **28,825** |
| 9 | | **Finance Costs** | | | | |
| | 3036 | Interest on Bank Loan | | | | - |
| | | | | | | - |
| | | | **-** | **-** | **-** | **-** |

## Detailed Statment of Financial Position

| | DESCRIPTION | Actual for the Period € | Annual Budget 2018 € | Virements for the Period € | Revised Annual Budget 2018 € |
|---|---|---|---|---|---|
| 10 | **Other Expenditure** | | | | |
| 3500-3599 | Loss / (Profit) on Disposal of asset | | | | - |
| 3695 | Increase/(Decrease) in allowance for bad debts | | | | - |
| 8000-8099 | Depreciation As at end of September 2018 | 190,189 | 33,731 | | 33,731 |
| | | | | | - |
| | | **190,189** | **33,731** | - | **33,731** |
| | **Total** | **440,720** | **442,000** | - | **442,000** |
| 11 | **Inventories** | | | | |
| 5201-5249 | Stationery | | | | - |
| 5250-5299 | Consumables | 1,650 | 1,700 | | 1,700 |
| | | | | | - |
| | | **1,650** | **1,700** | - | **1,700** |
| 12 | **Receivables** | | | | |
| 0201-0209 | Receivables | 1,441 | 4,000 | | 4,000 |
| 0210-0219 | LES Receivables | | - | | - |
| 0220-0229 | Receivables from EU | | - | | - |
| 0250 | Prepayments & Accrued income | 1,827 | 1,000 | | 1,000 |
| | | | - | | - |
| | | **3,268** | **5,000** | - | **5,000** |
| 13 | **Cash & Equivalents** | | | | |
| 5001-5099 | Bank & Cash Balances | 534,395 | 433,731 | | 433,731 |
| | | **534,395** | **433,731** | - | **433,731** |
| 14 | **Payables** | | | | |
| 4000 | Payables | 16,083 | 8,500 | | 8,500 |
| 4100 | Accruals | 31,868 | 59,876 | | 59,876 |
| 4150 | Deferred Income | - | 4,500 | | 4,500 |
| | Current portion of long term borrowings | | | | - |
| | | | | | - |
| | | **47,951** | **72,876** | - | **72,876** |
| 15 | **Non Current Liabilities** | | | | |
| 4200 | Long Term Borrowing | | | | - |
| | | | | | - |
| | | - | - | - | - |

**16** **Total Commitments (Recurrent and Capital)**

| DESCRIPTION | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Recurrent and Capital** | | | |
| U-Bars | 6,301 | | |
| Upgrading Roundabout | 40,000 | | |
| Passage Pembroke P&R & Triq Sant Andrija | 18,000 | | |
| | 64,301 | - | - |
| **Long Term Loans** | | | |
| | - | - | - |
| **Others** | | | |
| | - | - | - |

## 17 Deprecition of Property, Plant and Equipment

| **Asset** | Furn & Fittings | Office Equipment | Urban Improvements | Construction | Trees | Plant & Machinery | Special Programmes | New Street Signs | | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| % of depreciation | 8% | 20% | 10% | 10% | 0% | 20% | 10% | 100% | 0% | |
| | € | € | € | € | € | € | € | € | € | € |
| **Cost** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2018 | 24,583 | 47,469 | 530,561 | 612,447 | 17,307 | 6,300 | 653,660 | 11,787 | | 1,904,114 |
| Additions | 162 | 7,839 | 26,629 | 10,002 | | | | 19,913 | | 64,544 |
| Disposals | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2018 | **24,745** | **55,308** | **557,190** | **622,449** | **17,307** | **6,300** | **653,660** | **31,700** | - | **1,968,658** |
| **Grants/ other reimbursements** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2018 | | 7,352 | 151,072 | 51,423 | | | 653,923 | | | **863,769** |
| Additions | | | 71,342 | | | | | | | **71,342** |
| As at end of September 2018 | - | **7,352** | **222,414** | **51,423** | - | - | **653,923** | - | - | **935,111** |
| **Accumulated Deprecition** | | | | | | | | | | |
| As at 1st January 2018 | 14,693 | 37,438 | 233,264 | 420,817 | | 6,007 | (263) | 11,787 | | **723,743** |
| Charge for the period | 3,152 | 2,946 | 56,377 | 127,420 | | 293 | | | | **190,189** |
| Released on disposal | | | | | | | | | | - |
| As at end of September 2018 | **17,845** | **40,384** | **289,641** | **548,237** | - | **6,300** | **(263)** | **11,787** | - | **913,932** |
| **NBV** As at end of September 20 | **6,900** | **7,572** | **45,135** | **22,789** | **17,307** | - | **(0)** | **19,913** | - | **119,615** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 2

**Internal Memo Referenza 38/2018** **29 ta' Ottubru 2018**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 12/K7/18 u 14/K7/18

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 27/09/2018 | Laqgha tal-Kunsill numru 12/K7/2018 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Desiree Vella Brincat<br>Kevin Borg |
| 27/09/2018 | Laqgha tal-Kunsill numru 13/K7/2018 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Desiree Vella Brincat<br>Kevin Borg |
| 28/09/2018 | Press Conference u ffirmar tal-MoU mal-Kunsilli Lokali kontra uzu ta' bziezaq | AKL, Marsa | Kevin Borg |
| 01/10/2018 | Laqgha ma' Wallace Fino dwar l-izvilupp tal-Australia Hall | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 02/10/2018 | Zjara minn Mrs Michelle Muscat flimkien ma' l-Onor. Parnis re l-Kampanja Pink October | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |



PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 08/10/2018 | Laqgha mal-amministraturi ta' Sit A u B San Gorg | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Desiree Vella Brincat |
| 09/10/2018 | PAB/00012/18 - (PA/02768) Triq il-Fortizza<br>PAB/00080/18 - (PA/08286) Triq Sisner<br>PAB/00128/18 - (PA/9684) Triq Mediterran | PA, Floriana | Kevin Borg |
| 10/10/2018 | Laqgha ma' l-iSkola Nazzjonali Sport | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 12/10/2018 | Laqgha mal-Kap ta' l-Iskola Primarja | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 15/10/2018 | Laqgha ma' GOTO dwar electrical cars parking spaces | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 17/10/2018 | Half day seminar re Nationwide Collection of Organic Bag | Corinthia Hotel, Attard | Kevin Borg |
| 24/10/2018 | Laqgha organizzata mill-WasteServ dwar il-gbir ta' l-iskart Organiku | Family Park Marsaskala | Kevin Borg |
| 26/10/2018 | Laqgha dwar is-sistema l-ġdida onlajn għan-notifikazzjonijiet ta' Kunsinna. | Istitut Kattoliku | Kevin Borg |
| 27/10/2018 | Laqgha Plenarja straordinarja | Dolmen Hotel | Ray Lanzon<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Avv. Dean Hili, **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 3

**Internal Memo Referenza 39/2018**

**29 ta' Ottubru 2018**

# Lista ta' ilmenti li għadhom pendenti bejn il-Laqgħa 13/K7/18 u 14/K7/18

| Referenza | | Ilment |
|---|---|---|
| 28 | 2018 | Suġġeriment biex isiru sleeping policeman l-erba' naħat ta' Blokk 7 Triq Patri Serafin Zarb. |
| 29 | 2018 | Talba biex issir sleeping policeman fi triq li minn Triq Tunis titla' għal Triq Juno |
| 30 | 2018 | Talab sabiex issir tabella quddiem blokki B1 Triq Pietru Darmenia biex ħadd ma jarmi skart barra fejn kien hemm l-iskip u jsiru bins tal-klieb |
| 31 | 2018 | Talbet tiġi rrangata l-bankina fejn il-parkegg ta' l-iskola St. Michael minħabba li tiżloq u talbet li jsir ħadid bħal Ubars quddiem l-entratura tal-iskola St. Michael bħala sigurta' għat-tfal. |
| 32 | 2018 | Talba biex tiġi rranġata ħofra bil-konkos li hemm taħt il-bankina fi Triq Antonie de Favray. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 4

**Internal Memo Referenza 40/2018** **30 ta' Ottubru 2018**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 13/K7/18 u 14/K7/18

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 153 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata bozza maqtugħa bin-numru Y115 fi Triq San Ġorġ Preca. |
| 154 | 2018 | Pembroke Self Service | Tlabna sabiex jissuplixxi xi luminata u xi gallettini u krips għall-laqgħa tal-Kunsill. |
| 156 | 2018 | Home Mate | Ordni ta' 2 twapet għall-prezz ta' €16.95 il-wieħed |
| 161 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata bozza fi Triq Gioacchino Le Brun. |
| 165 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissuplixxi 2 laned Thinner, 3 laned żebgħa sofor u landa żebgħa bajda. |
| 166 | 2018 | Mica Med | Tlabna sabiex tiġi rranġata bozza fi Triq Bice Mizzi Vassallo bin-numru W116. |
| 167 | 2018 | Biggermen | 2 qomos għall-uniformi tas-Segretarju Eżekuttiv. |
| 168 | 2018 | Ing Karl Mizzi | Tlabna s-servizzi tiegħu bħala Inġinier għax-xogħol li qed isir fuq il-funtana ta' Triq Alamein. |
| 169 | 2018 | Malta Red Cross | Ambulanza għall-attivita' tal-Halloween li se ssir l-Erbgha 31 ta' Ottubru. |
| 170 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissuplixxi landa Thinner, 5 laned żebgħa sofor u landa żebgħa bajda. |
| 171 | 2018 | Corner Stone | Tlabna sabiex għan-nom tal-Kunsill tipprepara DNO's neċessarja għall-3 bus shelters. |
| 172 | 2018 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex jissuplixxi 2 landed żebgħa bajda. |
| 173 | 2018 | Pembroke Hardware Store | Tlabna jissuplixxi diversi affarijiet għall-perjodu bejn Lulju u Diċembru 2018. |
| 174 | 2018 | Pembroke Food Store | Ikel u xorb għall-laqgħa tal-Kunsill. |
| 175 | 2018 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jitneħħew graffiti fil-passaġġ li minn Triq Alamein jagħi għal Triq Giorgio Mitrovich. |

PEMBROKE

| | | | |
|---|---|---|---|
| 176 | 2018 | Corner Stone | Tlabna sabiex jissottometti oġġezzjoni lill-PA għall-iżvilupp propost PA/08637/18 - 2, Triq Napuljun Tagliaferro |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Dok 5

# PA 977/17 – Waste Management Plan

## *1.1.1 Temporary storage (pg. 2/11, 4/11)*

In order to optimize the transport of materials by truck to the landfill, temporary stock areas are created at each access. These temporary storage areas can accommodate between 250/300 cubic meters of material (the equivalent of half a day of earthworks at full speed)



**It was agreed that excavated material would be stored within an enclosed area which need to be covered so as not to have particles spill off on Natura2000 site.**

## *1.1.2 Transport Schedule (pg. 5/11)*

Always in the idea of maximizing the yields of earthworks and evacuation, the transport of materials will be from Monday to Saturday:

Monday to Friday: 09:30 to 16:00 and 19:00 to 21:00
**Since Pembroke is surrounded by the largest number of schools in one locality, it was also agreed that no tricks should leave or enter the locality during school start and closing times. Therefore between Mon and Fri there should be a break between 13:30 and 15:30.**

DRAFT

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# PA 977/17 – Construction Management Plan

Official ERA and PA (MEPA) reports showing that note 10 is within Natura2000 site, which is why Pembroke Local Council is insisting on the objection of said site.

https://era.org.mt/en/Documents/L-Inhawi%20ta'%20Pembroke_ManagementPlan.pdf




**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Mark Causon, Charles Cesare u Il-Kunsillier Désirée Vella Brincat
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

https://era.org.mt/en/PublishingImages/Pages/Natura-2000-Datasheets-Maps/20180427_MT0000002-Pembroke-SAC.jpg




Figure 3: L-Inħawi ta' Pembroke Special Area of Conservation

L-Inħawi ta' Pembroke




Figure 6: Scheduled Property (Orange border added to show the limits of the Natura 2000 management plan area)

https://era.org.mt/en/Documents/20180601_MT0000002-Pembroke-SAC.pdf




## 4.1 - Energy & Safety supply

*4.1.1 Power supply*




**Said diagram shows that Enemalta and the contractor will have heavy equipment on a Natura2000 site. This is unacceptable.**

**4.1.3 Ventilation**

Ventilation of the tunnel will be done by plant placed at the entrance of the tunnel. This will supply fresh air to the whole tunnel making sure that the required air changes are supplied*__. Once ventilation shafts have been__*

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

***reached by progress of excavation other ventilation systems will be placed at the surface to augment the supply of air to the excavation face***. Dust created at the front will be handled with vaporized water sprayed on the rotary head of the tunneling machine.
**This would lead to more heavy equipment on Natura2000 site.**

**4.2.2 Shafts**
The realization of ventilation / access shafts will be done by ***drilling from the surface***. The drilling will be done with a larger diameter in order to integrate a liner inside and secure it from any landslide of materials. The shirt on the ***surface will be extended by one meter to prevent any risk of flooding*** by these access shafts. The difference between the drill diameter and that of the liner will be filled with a liquid backfill material. These access shafts will be constructed prior to tunnel excavation to take advantage of their use once the tunnel reaches one of these wells. ***They will serve us among other things access for concrete, for the extraction of air***. The position of these points will be ideally defined so that they impact a minimum traffic or pedestrian traffic. An ***area of 60 square meters*** will be kept all around the access shaft for our work delivery needs.
**As stated before, it is totally unacceptable to destroy 60 sqr mtrs of Natrura2000 site as shown in Fig. 8 page 18.**

**4.2.3 Shotcreting**
Delivery of the concrete to the interior of the tunnel will be done by pumping concrete from tunnel access or via access shafts every kilometer. (pg. 19)



**More interventions and heavy material on Natura2000 site.**

DRAFT